# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 17 ta' Mejju, 2002 .

### Citazzjoni numru : 37/2000G1(PC)

Salvu Mintoff and Sons Limited .

vs

Road Construction Limited u Joseph Aquilina, Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof ta' Malta, Amministratur tal-beni tal-Entijiet Ekklesjastici ta' Malta ghan-nom u fl-interess tal-Giuspatronat Lajkali San Antonio delli Navarra .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet :

Illi permezz ta' kuntratt tas-17 ta' Dicembru, 1982 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino s-socjeta' attrici hija nkwilina ta' porzjon art f'Ghawdex gewwa l-kontrada ta' Ghar id-Dar limiti tal-Qala, Ghawdex (Dok. A) liema porzjon art tintuza bhala barriera u denominata "Tal-Hawli" ;

Illi dina l-art tinkludi passagg li jidher fuq il-pjanta hawn annessa, liema passagg huwa delinejat bil-kulour ahmar (Dok. B) liema passagg sar mill-awturi tas-socjeta' attrici ;

Illi skond it-termini ta' l-istess kuntratt is-socjeta' attrici ghandha l-obbligu li tippermetti l-uzu ta' dan il-passagg lill-kerrejja ohra li jkollhom il-permess jifthu barriera fuq art tal-Kurja Arciveskovili fit-territorju maghrufa bhala "Tal-Hawli" fil-limiti tal-Qala, Ghawdex .

Illi s-socjeta' attrici ghandha wkoll l-obbligu impost fuqha li taghmel ix-xoghol ta' manutenzjoni f'dan il-passagg  bid-dritt li titlob ir-rimbors ta' sehem mill-ispejjez, minn dawk il-kerrejja li ghandhom art tal-Kurja Arciveskovili fit-territorju maghruf bhala "Tal-Hawli" u li ma jkunux inghataw l-art ghall-finijiet ta' biedja ;

Illi minkejja l-fatt li s-socjeta' kummercjali konvenuta m'ghandhiex arta tal-Kurja Arciveskovili fl-istess territorju u anqas ma topera barriera fl-inhawi maghrufa bhala "Tal-Hawli" hija qeghda tippretendi li ghandha dritt li taghmel uzu minn dan il-passagg u hekk qabdet u ghamlet ;

Illi minkejja dan kollu l-konvenut Joseph Aquilina noe ghamel skrittura privata ffirmata mal-konvenuta Socjeta' kummercjali Road Construction Limited li permezz taghha l-istess socjeta' konvenuta Road Construction Limited vvantat pretensjoni li tghaddi mill-passagg imsemmi minghajr ma kien hemm jew il-kunsens tas-socjeta' attrici jew xi ftehim gdid ;

Illi s-socjeta' konvenuta giet debitament interpellata sabiex tiddezisti milli tkompli taghmel uzu minn dan il-passagg izda l-istess baqghet inadempjenti .

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-triq li giet kostruwita mis-socjeta' attrici fuq l-art maghruf bhala "Tal-Hawli" fil-limiti tal-Qala ai termini tal-kuntratt tas-17 ta' Dicembru, 1982 ghandhom dritt jghaddu minn fuqha l-inkwilini u operaturi ta' barriera fl-inhawi maghrufa bhala "Tal-Hawli" ;

2. Tiddikjara u tiddecidi li s-socjeta' konvenuta Road Construction Limited ma ghandhomx dritt li tghaddi minn fuq dina t-triq ghax la hija inkwilina ta' art tal-Kurja Arciveskovili u lanqas operaturi fit-territorju maghruf bhala "Tal-Hawli" fil-limiti tal-Qala ;

3. Tiddikjara u tiddecidi li l-effett ta' l-iskrittura privata li saret bejn il-konvenuti ma taghmilx ebda stat ta' fatt fuq is-socjeta' attrici ;

4. Tordna konsegwentement li s-socjeta' konvenuta Road Construction Limited ma ghandha ebda dritt li taghmel uzu minn dina t-triq li s-socjeta' konvenuta Road Construction Limited m'ghandha ebda jedd ta' passagg u/jew titolu fuq il-passagg li jidher fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala Dok B u li jinsab fit-territorju "Tal-Hawli" fil-limiti tal-Qala, Ghawdex .

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lis-socjeta' attrici .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici konfermata bil-gurament ta' Raymond Gatt .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Road Construction Limited li eccepiet :

1. Illi preliminarjament is-socjeta' attrici ghandha tigi mitluba sabiex tiddikjara a bazi ta' liema dispozizzjonijiet tal-Ligi jew a bazi ta' liema principji legali qeghda tagixxi .

2. Illi preliminarjament hemm in-nuqqas ta' nteress guridiku fis-socjeta' attrici sabiex tipprocedi b'din il-kawza in kwantu ma hux moghti lill-inkwilini il-jedd li jagixxi sabiex jigu determinati d-drittijiet reali dwar l-art li ma tappartjenix lilu . It-talbiet kollha huma preordinati ghad-determinazzjoni tal-jedd ghall-proprjeta' tat-triq .

3. Illi preliminarjament ukoll din ic-citazzjoni hija irrita u nulla billi ma tinkwadrax fost l-azzjonijiet li jista' jiehu l-inkwilin ai termini ta' l-Artikolu 1550 sa 1553 tal-Kodici Civili . Il-jedd ta' l-inkwilin huwa limitat f'kaz ta' molestja ta' fatt ghad-dritt li jagixxi kontra s-sid jdw it-terz hati tal-molestja u f'kaz ta' molestja ta' dritt li jagixxi kontra sid ghad-danni . Ma ghandux ikun hemm dubbju li l-inkwilin ma jista' b'ebda mod jiftah kawza bhal ma qieghed isier fil-prezent sabiex jigu determinati drittijiet reali bejn zewg sidien .

4. Illi preliminarjament ukoll hemm in-nullita' tac-citazzjoni minhabba konfuzjoni sew fil-premessi u kif ukoll fit-talbiet . Is-socjeta' attrici qeghda fil-waqt li ssostni li ftehim maghmul bejn l-eccipjenti u l-konvenuta l-ohra ma jaghmilx stat fir-rigward taghha, fl-istess waqt tipprova tinforza fil-konfront ta' l-eccipjenti ftehim ta' kera maghmul bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta .

5. Illi l-kuntratt tas-sbatax (17) ta' Dicembru tal-elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) ma jaghmilx stat fir-rigward tas-socjeta' Road construction Limited izda holoq biss relazzjoni guridika personali bejn sid u inkwilin .

6. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess huwa kkontestat li s-socjeta' attrici ghandha xi titolu fuq it-triq ghajr dritt bhala accessorju ghad-dritt ta' inkwilinat fuq parti ben definita mill-art "Tal-Hawli", li tghaddi sabiex tasal ghall-art lokata lilha u d-dritt ghall-kumpens fir-rigward tas-sid fl-eventwalitajiet stipulati fil-ftehim tas-sbatax (17) ta' Dicembru tal-elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) .

7. Illi l-uzu li qieghed isir mit-triq mill-eccipjenti huwa konformi mad-drittijiet reali ta' l-eccipjenti u kif ukoll ma' l-arrangament milhuq ma' l-Arcidjocesi ta' Malta li hija s-sid ta' l-istess triq .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' konvenuta mahlufa minn Victor Hili .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Joseph Aquilina nomine li eccepixxa illi :

1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' interess guridiku tas-socjeta' attrici illi tintavola c-citazzjoni odjerna stante li hi la hi l-proprjetarja u lanqas l-inkwilina tat-triq in kwistjoni .

2. Subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjent nomine bhala propjetarju tat-triq in kwistjoni ghandu dritt illi jikkoncedi l-uzu

ta' l-istess triq lil min jidhirlu bhal ebda xkiel mis-socjeta' attrici jew xi terzi ohra u ghaldaqstant, kellu kwalunkwe dritt illi jidhol fi ftehim mas-socjeta' konvenuta msemmija, liema ftehim is-socjeta' attrici hija obbligata illi tosserva in vista tan-natura tad-drittijiet illi hija tgodi fuq it-triq in kwistjoni kif ser jinghad .

3. Subordinatament u bla pregudizzju ukoll ghas-sueccepit, id-drittijiet tas-socjeta' attrici huma limitati ghad-dritt ta' uzu ta' l-istess triq u ghad-dritt ghar-rimbors minn operaturi ohra fl-istess territorju li m'humiex ta' natura predominantament agrikola ta' parti tal-ispejjez ta' manutenzjoni li hija taghmel fl-istess triq u ghal ebda dritt iehor u specifikament, ghal xi dritt ta' uzu esklussiv kif qed tippretendi .

4. Illi fil-mertu qed jigi kkontestat illi l-eccipjent nomine ta' xi koncessjoni ghall-uzu tat-triq in kwistjoni lil xi persuna estaneja ghat-territorju amministrat minnu peress illi l-eccipjent nomine qed jirrevindika vigorosament id-drittijiet tieghu fuq l-artijiet allegatament akkwistati mis-socjeta' konvenuta l-ohra fil-kawza "Joseph Aquilina nomine –vs- Road Construction Ltd" . (citaz. Nru. 164/1998PC) .

5. Illi fil-mertu ukoll, l-anqas m'hu korrett dak li gie asserit mis-socjeta' attrici illi t-triq in kwistjoni nbniet mis-socjeta' attrici ghax jirrizulta illi nbniet minn Francis Grech u Salvatore Xuereb halli jaccedu ghall-koncessjoni lokatizja li kellhom, liema koncessjoni eventwalment giet assenjata lis-socjeta' attrici minghajr l-ebda trasferiment ta' inkwilinat tat-triq in kwistjoni .

6. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine mahlufa minn Joseph Aquilina .

Rat il-verbal taghha tat-8 ta' Novembru 2001 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' interess guridiku fis-socjeta' attrici sabiex tipprocedi b'din il-kawza, liema eccezzjoni giet sollevata miz-zewg konvenuti .

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet tal-kontendenti dwar din l-eccezzjoni .

Ikkunsidrat :

Il-**Mattirolo** (Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano; Torino 5ta. ed. Torino 1902 #54 et. seq.) ifisser b'mod tassew lucidu x'inhu l-interess guridiku li jrid ikun hemm f'kull kawza bil-mod segwenti :

"54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse . Indi la massima di giurisprudenza tradizionale "**l'interesse e' la misura di azione**" "**point d'interet, point d'action**" . Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto : all'articolo

36 (illum art. 100 c.p.c.) e' detto che '**per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'** …. l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere **diretto, legittimo, e attuale .**

55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia **diretto, personale**, perche' … niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta .

56. L'interesse deve in secondo luogo essere **legittimo**, cioe' confome al diritto di chi sta in causa . L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio . Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' *injuria datum*, se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto .

57. Per ultimo l'interesse deve essere **attuale,** val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione . Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente" ( pag. 50 –52) .

Il-ligi procedurali taghna ma tipprovdix artikolu specifiku dwar dan l-interess guridiku f'kawza bhal ma taghmel dik taljana . Imma kif kellhom okkazjoni jghidu l-Qrati taghna :

" *Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia, e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche' se l'interesse e' una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio*" ("Micallef Goggi vs. Armando Mifsud Vol. XXVII. I. 507) .

Infatti tezisti gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna dwar l-elementi ta' l-interess giuridiku mehtiega f'kull kawza . Hekk insibu jinghad illi :

"*In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt giudizzjarju civili li l-interess hu l-mizura ta' l-azzjoni (Vol. XXXVII. II. 608); u r-rekwizit ta' l-interess hu ndispensabbli ghall-proponibilita' ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' giurisdizzjoni kontenzjuza (Vol. XXVII. I. 507) . L-interess hu l-bazi ta' l-azzjoni (Vol. XXIX. I. 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx*

*hemm interess (Vol. XXX. I. 317) . L-attur fil-gudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment taghha . Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultament vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta . U l-interess irid ikun ga twieled u jrid ikun attwali, biex jiggustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII. I. 108 ; VOL. XXXVII . I. 57; XXXVII. II. 608) . Biex wiehed jipproponi domanda f'gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn illi jkollu ntererss fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utili; liema nteress irid ikun legittima u konkret (Vol. XXVIII. II. 317)*" (Appell: Pietro Paolo Borg v. Giuseppe Caruana: 3. 12. 1984; Vol. LXVIII. II. 233) .

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, nsibu illi s-socjeta' attrici qed tibbaza l-azzjoni prezenti taghha fuq kuntratt ta' lokazzjoni li kien sar bejn l-amministratur ta' dak iz-zmien tal-Beneficcju lajkali ta' l-Abbazia della Navarra u l-istess socjeta', permezz ta' kuntratt in atti Nutar Paul Pullicino tas-17 ta' Dicembru 1982 (Dok. A anness ma' c-citazzjoni a fol. 5 –9). Permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qed tfittex li zzomm lis-socjeta' konvenuta Road Construction Limited milli taghddi minn fuq triq li kienet infethet fl-inhawi mill-inkwilini originali tat-territorju sabiex ikollhom access ghall-barriera li nghataw il-koncessjoni li jhaffru fl-istess inhawi . Hija tippretendi illi din it-triq infethet esklussivament a beneficcju ta' l- inkwilini, tal-bdiewa fl-istess inhawi u ta' min ikun fetah barrieri ohra hemmhekk . Ghalhekk fil-fehma taghha il-ftehim raggunt bejn il-konvenuti fejn is-socjeta' Road Construction inghatat id-dritt taghddi minn fuq din it-triq, ma kellu jkollu ebda effett fil-konfront taghha.

Gara illi l-kirja originali kienet saret mill-amministratur ta' l-Abbazzia a favur ta' Francis Grech u Salvatore Xuereb, zewg kuntratturi, permezz ta' kuntratt in atti Nutar Paul Pullicino tat-12 ta' April 1972 (Dok. A anness ma' n-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-konvenuti) . Wahda mill-kundizzjonijiet f'dan il-kuntratt kienet illi :

"6. *L-inkwilini jkunu obbligati jifformaw fi triq karreggjabbli skond l-esigenzi tal-ligi il-passagg muri fil-pjanta annessa mill-punt 'A' sal-punt 'B', liema triq tigi tiswa cirka sitt elef lira (Lm6000) u l-inkwilini ikollhom jipproducu dokumenti sodisfacenti iffirmati minn perit li juru li x-xoghol sar u li l-ispiza saret . Pero' l-inkwilini ikollhom id-dritt li jigu rimborsati kumpens ta' mhux aktar minn elfejn u hames mitt lira (Lm2500) mis-somma totali minfuqa u dana minn kwalunkwe kerrej iehor li jkollu permess jiftah barrieri ohra f'dan it-territorju tal-Hawli; pero' dan id-dritt ghandu jigi ezercitat sa tnax il-sena mill-lum.*"

Permezz ta' kuntratt iehor in atti Nutar Giuseppe Cauchi tat-23 ta' Settembru 1980, Francis Grech u Salvatore Xuereb irrinunzjaw ghad-drittijiet taghhom fuq dan it-territorju "tal-Hawli" u dan gie koncess bl-istess kundizzjonijiet ghajr ghal zieda fil-kera lil Joseph Xuereb (Dok. B anness ma' l-istess Nota tal-konvenuti) . F'dak il-kuntratt gie miftiehem *inter alia* illi :

"*6. Il-komparenti kollha ta' dana l-att jaqblu li.... l-istess dritt li kellhom l-inkwilini l-antiki, esercitabbli biss sas-sena elf disa' mija erbgha u tmenin, ghall-hlas ta' kumpens minn kerrejja ohra li jistghu talvolta jifthu barrieri ohra fl-istess territorju "tal-Hawli", ghall-uzu tat-toroq ffurmati mill-istess Francis Grech u Salvatore Xuereb ghandu jghaddi favur l-inkwilin il-gdid Joseph Xuereb u dan in vista ta' ftehim bonarjament milqugh bejn l-inkwilini l-antiki u dan ta' llum kif gia nghad."*

Biex ikunu aktar cari f'dan ir-rigward il-kontraenti fuq l-istess kuntratt ghaddew imbaghad biex ifissru sew x'kienu dawn il-kundizzjonijiet . Hekk insibu mnizzel illi :

"*7. Bi spjega ghal dak li nghad fil-paragrafu immedjatament precedenti l-inkwilin il-gdid ikun obbligat ghal manutenzjoni ta' triq karreggjabbli skond l-esigenzi tal-ligi, il-passagg muri fil-pjanta annessa bil-kulur isfar . L-inkwilin Xuereb Joseph ikollu d-dritt li jigi rimborsat kumpens ta' mhux aktar minn somma ta' elfejn u hames mitt lira mis-soma totali minfuqa u dana minn kwalunkwe kerrej iehor li jkollu permess jiftah barriera ohra f'dan it-territorju "tal-Hawli" pero' dan id-dritt ghandu jigi ezercitat sa tnax il-sena mit-tnax ta' April elf disa' mija tnejn u sebghin . Jekk wara s-sena elf disa' mija u erbgha u tmenin u t-tnax t'April taghha jidhol xi kerrej iehor li juza t-triq fuq xi xoghol sostanzjalli ta' negozju li ma jkunx ta' biedja, l-Beneficcju koncedenti kif rapprezentat ghandu jikkondizzjona lill-kull kerrej gdid jaqsam l-isepjjez tal-manutenzjoni tat-triq mal-inkwilin Joseph Xuereb."*

Meta imbaghad s-socjeta' attrici akkwistat id-drittijiet li kellu Joseph Xuereb fuq l-istess territorju bis-sahha tal-kuntratt imsemmi tal-1982 rega' inghad illi :

"*Il-kundizzjonijiet ohra miftehma fuq il-kuntratt tat-23 ta' Settembru 1980, li l-komparent Mintoff jiddikjara li huma pienament a konoxxenza tieghu jibqghu.*"

Huwa evidenti ghalhekk minn dan kollu illi l-kundizzjoni li s-socjeta' attrici tippretendi li tillimita l-access fuq it-triq in kwistjoni ghaliha, ghal-bdiewa ta' l-inhawi u dawk li jifthu barrieri ohra fl-isetss inhawi biss, ma tezistix . Mis-siltiet rilevanti tal-kuntratti li gew ccitati hawn fuq, johrog car illi l-kundizzjonijiet rigwardanti din it-triq kienu s-segwenti :

(i) l-inkwilini originali kellhom jifthu triq kareggjabbli li tkun tiswa mhux anqas minn sitt elef lira, u li dan kellu jigi certifikat minn perit ;
(ii) jekk sa zmien tnax (12) il-sena mill-ewwel kuntratt jinghataw koncessjonijiet sabiex jinfethu barrieri ohra fl-istess inhawi, dawn kienu jkunu intitolati ghal kumpens minghad il-kuntratturi l-godda ta' elfejn u hames mitt lira ;
(iii) jekk wara li jiskadi dak il-perijodu ta' tnax il-sena, jiddahhlu persuni ohra dawn kellhom jikkontribwixxu ghall-manutenzjoni ta' l-istess triq .

Jirrizulta ghalhekk illi sa fejn is-socjeta' attrici qed tibbaza l-pretensjonijiet taghha fuq dawn il-kuntratti ccitati, jonqos fl-azzjoni prezenti ta' l-inqas wiehed mit-tlett elementi ta' l-interess guridiku mehtiega f'kawza . F'din il-kawza ma jistghax jinghad illi s-socjeta' attrici ghandha interess li huwa fl-istess waqt "**dirett, legittimu u attwali**" .
Huwa minnu illi s-socjeta' attrici jidher illi ghar-ragunijiet taghha (forsi ta' kompetizzjoni u rivalita') ghandha interess **dirett u personali** illi zzomm lis-socjeta' konvenuta Road Construction Limited milli taghddi minn fuq it-triq in kwistjoni. Hekk ukoll jista' jinghad illi tezisti l-**attwalita'** ta' l-interess, ghax mhux kontestat li l-istess socjeta' konvenuta permezz ta' l-ingenji taghha ghamilt uzu minn din it-triq . Imma l-istess ma jistghax jinghad rigward il-**legittimita'** ta' dan l-interess fis-socjeta' attrici . Kif irrizulta minn ezami akkurat tal-kuntratti ccitati u partikolarment tal-brani rilevanti ghat-triq in kwistjoni, ma jezisti ebda dritt moghti lil min ikun qed jopera l-barriera f' "tal-Hawli", bhal ma qed tippretendi s-socjeta' attrici, li jintitolahom izommu lil terzi milli jaghddu fuq din it-triq (*l'interesse che conforme al* ***diritto*** *di chi sta in causa* : Mattirolo op. cit.).

Ghal dawn il-motivi u peress illi jirrizulta, kif jikkontendu l-konvenuti, illi jezisti nuqqas ta' interess guridiku fis-socjeta' attrici li tipprocedi b'din il-kawza, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S3700G1(Pc)
2845